# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 17**

**Rikors numru 81/2012 JVC**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**v.**

**Paschalino Cefai u martu Jenny Cefai**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell tal-konjugi Cefai mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Jannar 2015 fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez.

2. L-Ewwel Qorti tat is-sentenza taghha wara li kkunsidrat kif gej:

“Illi l-bank rikorrent isostni li l-intimati huma debituri fil-konfront tieghu fl-ammont komplessiv ta’ mitejn u disgha u tmenin elf mitejn u disgha u hamsin Euro u erbgha u sittin centezmu (€289,259.64). Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu r-rikorrent indika fid-dettal fit-talba tieghu l-ammont komplessiv kif inhu mqassam inkluz kif gew kalkolati l-imghaxijiet u ghal kull ammont esebixxa dokumentazzjoni li tipprova tali ammont, fejn fost evidenza ohra gew esebiti is-‘sanction letters’ u l-kuntratti pubblici relattivi kif ukoll il-kontijiet tal-bank. Il-kuntratti gew ukoll konfermati mill-istess Nutara Pubblici li ppubblikawhom bix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti. Xehdu wkoll rapprezentanti tal-Banek fosthom Joseph Cordina li kkonferma li l-imghaxijiet gew komputati bhala ‘simple interest’ kif ukoll ikkonferma l-ammonti dovuti (Fol. 68 et seq inkluz affidavit a fol. 75).

“Illi min-naha taghhom l-intimati permezz tax-xhieda taghhom stess u cioe’ ta’ Jenny Cefai (Fol. 92 et seq tal-process) u ta’ Paschalino Cefai (Fol. 9152 et seq tal-process) fl-ebda hin ma kkontestaw illi l-ammonti bhala kapital huma dovuti. Paschalino Cefai ex admissis xehed illi dawn huma tal-bank u li huma dovuti. Ghalhekk in vista ta’ dan kollu din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tindaga oltre dwar il-kapitali dovuti u tqis li din it-talba hija gjustifikata u l-eccezzjonijiet tal-intimati f’dan ir-rigward mhux gjustifikati.

“Illi t-tieni eccezzjoni mqajjma mill-intimati kienet fis-sens illi l-imghaxijiet mhumiex dovuti stante li skont huma gew ikkomputati bhala ‘compound interest’, haga li m’hijiex permessa skont il-ligi. Il-Qorti rat izda li l-Bank rikorrenti cahad illi dan sehh anzi pproduca bhala xhud lil Joseph Cordina li kif gia nghad aktar ‘il fuq ikkonferma li l-imghax gie kalkolat bhala ‘simple interest’ u mhux kif qed isostnu l-intimati. Min-naha taghhom l-intimati ma ressqu l-ebda prova li tista’ b’xi mod tikkontradixxi dan kollu. Mix-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita din il-Qorti hija tal-fehma li l-Bank fil-kalkolazzjoni tieghu tal-imghaxijiet dovuti lilu agixxa fil-parametri tal-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni mqajjma mirrikorrenti f’dan ir-rigward ukoll mihiex gjustifikata.

“Illi ghalkemm ma tqajjmitx bhala eccezzjoni mill-ebda mill-intimati, il-provi kollha mressqa mill-intimati kienu fis sens illi huma ma kienux qed jaqblu li jithallsu imghaxijiet ghaliex skont huma saru diversi tentattivi sabiex isiru l-pagamenti dovuti u kien il-bank rikorrent li m’accettax l-istess pagamenti. L-istess intimati spjegaw li dan kollu kien rizultat ta’ ordni ta’ ffrizar mahrug f’Marzu 2011 fuq l-assi u l-proprjeta’ tieghu konsegwenza ta’ procedura kriminali pendenti kontra tieghu. Fix-xhieda tieghu l-intimat spjega minfejn skont hu giet il-proprjeta’ tieghu fosthom illi l-flus li bihom huwa beda n-negozju tieghu gew minn wirt ta’ missieru u mhux minn xi attivita’ llegali li jinsab akkuzat biha.

“Illi f’din il-kawza l-Qorti zgur ma tistax tidhol fil-mertu tal-ordni ta’ ffrizar mahrug filkonfront tal-intimat minn Qorti ohra fi proceduri li ghadhom pendenti. Li zgur huwa minnu izda hu li ghall-hrug tal-ordni ta’ ffrizar ma jahtix u ma ghandu l-ebda responsabbilta’ l-bank rikorrent u ghalhekk

ma ghandux ibaghti xi konsegwenzi l-istess bank rikorrent. Jirrizulta in oltre li x-xhieda ma jaqblux f'dan ir-rigward fis-sens illi filwaqt li r-rapprezentanta tal-Bank direttament involuta Sharon Camilleri (Fol. 119 et seq tal-process) tichad li hija qatt irrifjutat il-pagamenti, hija baqghet issostni anzi li din l-ordni ma kinitx il-problema biex isiru l-pagamenti izda l-problema kienet li l-intimati ma kellhomx minfejn ihallsu. L-istess xhud ikkonfermat li kieku l-problema kienet l-ordni ta' ffrizar kien isir ir-rikors appozitu sabiex l-Qorti tawtorizza l-bank bhala kreditur jaccetta l-pagamenti. Ix-xhud izda tikkonferma li fl-ebda mument l-intimati ma waslu fil-posizzjoni li setghu jibdew ihallsu. Min-naha l-ohra l-intimata Jenny Cefai u x-xhud Teddy Cefai ghalkemm jippruvaw fixxhieda taghhom jikkonvincu li huma ppruvaw ihallsu, meta gew mistoqsija direttament dwar kif kienu ser jaghmlu biex ihallsu, fil-fehma ta' din il-Qorti, fir-risposti taghhom ma kienux konvincenti. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-Bank rikorrent hija aktar konvincenti anki ghaliex hija wkoll sopportata minn dak li tezigi l-ligi fil-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu izda qed jinghad nonostante l-fatt li din il-lanjanza fl-ebda hin ma tqajjmet bhala eccezzjoni veru u proprja mill-intimati."

3. L-appell tal-konjugi Cefai hu kif gej.

Jirrizulta mill-provi illi Paschalino Cefai hu milqut b'ordni ta' iffrizar u tpogga f'pozizzjoni li ma setax ikompli jhallas lill-bank il-pagamenti rateali dovuti lilu u ma jaghmilx sens li l-bank jinsisti ghal hlas tal-ammont bilancjali kollu meta hemm din l-ordni ta' iffrizar. Jissottometti li l-bank seta' talab lill-Qorti kompetenti skont il-ligi li jkompli jithallas il-pagamenti rateali. Ghalhekk talbu r-revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u jigi dikjarat li l-kawza hi intempestiva ghax il-bank kien konxju tal-impossibilita` li l-konvenuti jaghmlu l-pagamenti u l-istess bank seta' ha proceduri legali biex jigbor il-pagamenti mensili dovuti.

4. Il-bank appellat oppona ghall-appell u tenna li ghandu jigi michud.

**Konsiderazzjonijiet**

5. Dan l-appell ma jattakkax il-fatt li l-bank hu dovut il-kreditu mitlub minnu jew l-imghax izda l-appellanti qed jikkontendu li huma fl-impossibilita` li jhallas l-ammont bilancjali dovut minhabba ordni ta' iffrizar.

6. Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis illi bhala stat ta' fatt il-konvenuti naqsu li jhallsu l-pagamenti rateali fuq l-ammonti dovuti u b'hekk sehh 'event of default' kif patwit bejn il-bank u l-konvenuti fuq il-flexi credit loan u overdraft accounts. Il-bank agixxa skont dak patwit u din il-Qorti ma tistax ticcensura lill-kreditur li jfittex ghad-drittijiet tieghu skont kif miftiehem.

7. Hu minnu illi l-konvenuti naqsu li jhallsu ghax kien hemm ordni ta' iffrizar fuq il-proprjeta` tal-istess konvenut in konnessjoni ma' proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu. Ghal dawn il-proceduri la jahti l-bank, la kien imdahhal fihom bhala istigatur jew bhala kopartecipi fl-allegazzjonijiet kriminali kontra l-istess konvenut.

8. Il-konvenuti qed jissottomettu illi hemm l-impossibilita` tal-adempiment tal-obbligazzjoni. Qed isostni ghalhekk li hemm forza magguri li zzommhom milli jadempixxu l-obbligi taghhom. Din il-Qorti ma tqisx bhala xierqa din id-difiza ghall-fatt illi hadd ma jista' jiddefendi ruhu

meta l-fatt li jwassal ghan-nuqqas ta' adempiment li f'dan il-kaz hi l-allegazzjoni tal-fatt kriminali li dwaru ttiehdu proceduri kontrih ikun ta lok ghalih il-persuna li qed tiddefendi ruhha b'din l-eccezzjoni.

9. Hi gurisprudenza pacifika illi l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta' min ikkaguna d-danni. Ara **Caterina Bezzina v. Giorgio Grech et**, (PA 07/06/1938). Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".

10. Il-konvenuti wkoll isostnu li l-bank seta' ha l-proceduri legali biex ikompli jithallas il-pagamenti rateali mhux jitlob il-hlas bilancjali tad-debitu u ghalhekk il-kawza saret intempestivament. Kif gia` inghad il-bank agixxa skont il-ftehim bejnu u d-debituri u hadd ma' jista' jkun il-bank jekk ezercita d-drittijiet spettanti lilu. L-appellanti qed jirreferu ghal Kap. 101 artikolu 22A(1) fejn il-Qorti li quddiemha qed tinstema' il-procedura konnessa mar-reati kriminali hemm imsemmija tista' tordna l-hlasijiet ta' djun lil bona fide kreditur. L-appellanti qed jitfghu l-oneru ta' talba simili fuq il-bank meta hu l-obbligu tad-debitur li kellu jitlob lill-Qorti biex

tippermetti li jkomplu jsiru l-hlasijiet lill-bank ghax wara kollox huma hwejgu li gew iffrizati u jekk ried li ma jaqax f'‘event of default’ mal-bank kellu kull opportunita` jitlob lill-Qorti li qed tisma’ il-kawza kriminali biex tawtorizza t-tkomplija tal-hlasijiet mill-assi ffrizati. Ma jidhirx li d-debitur ghamel xi tentattiv biex jottjeni din l-awtorizzazzjoni jekk verament riedu li jissana l-pozizzjoni tieghu u ta’ martu mal-bank tul dawn is-snin kollha li ilha ghaddejja l-kawza.

11. Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti hi nieqsa minn kull fondament u l-appell jitqies bhala frivolu u vessatorju ghall-ahhar.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konjugi Cefai u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Billi l-appell hu wiehed fieragh tikkundanna lill-appellanti jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr